Minuti ta' l-24 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 16 ta' Lulju, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 5.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

Segretarju Ezekuttiv Emily Amatulli Depasquale

Shirley-Anne Cecchini kienet informat li ma' setghetx tattendi peress li ma kienetx tiflah u ghalhekk kienet qieghed jigi skuzat.
Emanuel Muscat kien informa lill-Kunsill li ma setghax jattendi ghaliex kien jinsab imsiefer u ghalhekk kien qieghed jigi skuzat.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-23 laqgha

1.1 Carmen Vella gibet l-attenzjoni li fejn hija kienet semmiet bins fil-main roads hi kienet irreferiet b'mod partikolari ghal Triq ta' Pinu.

1.2 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala document korrett.

## 2.0 Jum l-Gharb

2.1 Giet diskussa s-serata ta' Jum l-Gharb fejn il-Kunsill qabel li ghandu jsir kuncert mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u partecipazzjoni tat-tfal li jattendu s-Summer Club. Is-Sindku issugerixxa li tithejja poezija ta' l-okkazzjoni minn Maria Cassar u tinqara waqt l-istess serata. Waqt din l-okkazjoni ghandu jsir ukoll l-inawgurazzjoni tas-Shelter mill-Ministru ghal Ghawdex, l-Onor. Dr. Anton Refalo filwaqt li jkun mistieden is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Ian Borg responsabbli ghall-fondi Ewropej u l-Presidenza tal-Kunsill UE 2017 u s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo responsabbli mill-Gustizzja u Gvern Lokali.

## 3.0 Attivitajiet – Seher il-Punent / Festi tal-Milied

**3.1** Is-Sindku spjega li gew mistiedna l-ghaqdiet tal-lokal sabiex jattendu ghal-laqgha flimkien mall-Kunsill u fiha isir *brainstorming* ta' attivitajiet li jistghu jigu organizzati. Huwa kompla billi spjega li ghal din is-sena l-Madonna, San Guzepp, l-Bambin, ecc. li jippartecipaw f'Bethlem f'Ghajnsielem ser jitilqu propju mill-Gharb u ghalhekk tigi organizzata attivita' gewwa l-Pjazza tar-rahal. Is-Sindku issugerixxa ukoll li tinxtara Christmas Tree li l-istima li ghandu il-Kunsill hija ta' madwar €3500 u titpogga f'nofs il-Pjazza fuq l-arlogg tax-xemx fejn din tigi inawgurata waqt l-

attivita' tat-tluq tal-Madonna u maghha isiru diversi attivitajiet fost ohrajn Christmas Carols anke mill-grupp tal-kitarri, jinxtghel id-dawl tat-triq u attivitajiet ohra issuggeriti mill-Ghaqdiet. L-importanti huwa li l-Kunsill ma jidholx f'hafna spejjez peress li l-budget ma jippermettix. Kien deciz li ghal din is-sena Seher il-Punent ghandu jkun marbut mat-tema tal-Milied u ghandu jinzamm il-Gimgha, s-Sibt filghaxija u l-Hadd filghodu. Ghal din l-okkazjoni ser jingab group ta' kantanti il-Gimgha u kor ghas-Sibt 6 ta' Dicembru. Il-Hadd filghodu ser ikunu mistiedna l-gruppi taz-zfin tas-soltu. Waqt id-diskussjoni issemmiet il-partecipazzjoni tal-Kunsill ma' l-Ghaqdiet tal-lokalita' u kien hemm qbil li ghandha issir speci ta' applikazzjoni u tkun diskussa qabel ma' jitfassal il-budget u dan sabiex l-Ghaqdiet lokali jkunu qed jinghataw l-istess assistenza. Il-Kunsill qabel unanimament.

Id-dekorazzjonijiet li kienu jintramaw xi zmien ilu dawn ghandhom jitrangaw minn Giovann Camenzuli halli jkunu lesti ghal din l-okkazjoni.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk jigu moghtija fondi mill-Gozo Action Group ghall-Progett sottomess tal-festivals & events isir Water Melon Festival fl-ahhar weekend ta' Settembru jew fl-ewwel weekend ta' Ottubru jigifieri bejn it-3 u 5 ta' Ottubru filwaqt li Seher il-Punent jsir bejn il-5 u 7 ta' Dicembru. Fir-rigward ta' l-attivita' tal-Water Melon is-Sindku spjega li parti minn dan il-festival ikollu zjarat minn persuni f'ghelieqi bhala esperjenza u ghal aktar taghrif dwar din il-frotta. Parti minn dan il-festival ser jinkludi ukoll attrazzjoni unika li hija dik tal-Hot Air Balloon. Peress li din trid certu spazju liema spazju huwa possibli biss fil-ground tal-football il-Kunsill qabel li l-attivita' ghandha ssir fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku ghandu jmur l-Italja sabiex jiddiskuti dwar id-disponibilita' u arrangamenti sabiex tingab il-Hot Air Balloon ghal din l-attivita'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ministeru ghal Ghawdex kien informa li fit-tieni gimgha ta' Ottubru ser tibda' tigi organizzata Jum in-Nanniet. Saret diskussjoni ukoll dwar x'attivitajiet jistghu jsiru fosthom kompetizzjoni ghall-istudenti li jattendu l-ITS, kompetizzjoni ghall-isbah mara tad-dulliegh, koperazzjoni ma' l-Ghaqdiet Lokali, etc.

5.35pm Dahlu ghal-laqgha r-rapprezentanti ta' l-Ghaqdiet Lokali l-Gharb fosthom: Dun Guzepp Tabone, Joseph Camenzuli, Christian Attard, Raymond Cauchi, Franklin Farrugia u Adrian Formosa.

Is-Sindku ta' informazzjoni lill-Ghaqdiet dwar il-festival tal-Water Melon li jekk jigu moghtija fondi ser isir fl-ewwel weekend ta' Ottubru kif ukoll dwar l-attivita' tal-Milied li maghha ser tkun marbuta ukoll Seher il-Punent li fiha jista' jsir Christmas Market. Is-Sindku spjega ukoll li tal-Calypso Trains kien lest li jaghmel trips specjali matul il-festivals bejn l-Imgarr u l-Gharb. Barra minnhekk is-sidien tal-hwienet gewwa il-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi jistghu jigu avvicinati sabiex jifthu apposta ghal dan il-weekend. Dun Guzepp Tabone issugerixxa li waqt l-attivita' tal-Milied fejn is-Sagra Familja ser titlaq mill-Gharb jista' jsir dramm ta' l-assunzjoni. L-Ghaqdiet gew mitluba sabiex jaghmlu *brainstorming* fejn johrogu b'idejat sabiex ikunu jistghu jinholqu dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha ssir laqgha l-Erbgha 23 ta' Lulju sabiex jigu diskussjoni l-proposti ta' l-Ghaqdiet minhabba li l-Ministeru ghal Ghawdex ser ikun qed jippublika kalendarju ta' attivitajiet tal-Milied u ghal din ir-raguni sa qabel l-ahhar ta' Lulju l-Kunsill irid jinforma bl-attivitajiet tieghu.

Is-Sindku spjega lill-Ghaqdiet li l-Kunsill ser ikun qieghed iqassam formola sabiex jaghtu suggerimenti taghhom fejn jista' jsir koperazzjoni mall-Kunsill f'attivitajiet minnhom organizzati sabiex ikun jista' jippjana l-budget tas-snin li gejjin. Mall-formola ser ikunu qed jitqassmu ukoll linji gwidja dwar x'jista' jsir u kif jista' jsir flimkien ma' informazzjoni ohra relevanti.

**4.0 Skrivan/a fi Skala 13**

4.1 Is-Sindku iddikjara li kellu interess personali f'dan il-punt ta' l-Agenda u ghalhekk kien hawn nuqqas ta' quorum. Dan il-punt gie ghalhekk pospost ghal-laqgha li jmiss.

**5.0 Approvazzjoni ta' Bye-Laws**

5.1 Saret diskussjoni dwar il-bye laws li gew emendati mill-Avukat Dr. Damian Bigeni. Il-Kunsill approva l-bye-laws proposti u ghandhom jitmexxew ghall-approvazzjoni min-naha tal-parlament.

**6.0 Pagamenti**

6.1 Il-Kunsill approva zewg kontijiet relatati max-xogholijiet extras li saru fi Pjazza Gerano, Triq Frenc ta' l-Gharb u Pjazza fejn ic-Centru Parrokkjali li jammontaw ghal €18,017.29. Il-Kunsill ghadu jghaddi dawn il-kontijiet lill-Perit u imexxi ghall-hlasijiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.2 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata u ffirmata mill-membri kollha prezenti.

**7.0 Aggornament dwar xogholijiet u progetti**

7.1 Is-Sindku spjega li x-xogholijiet fuq il-kampnar tal-Knisja ser ikunu lesti fi zmien qasir dejjem jekk it-temp jippermetti u wara huwa mahsub li jinbeda x-xoghol fuq il-kampnar l-iehor jew fuq il-koppla skond iz-zmien disponibbli. Giet diskussa l-offerta ta' l-MQuip li tirrigwardja x-xoghol tal-koppla u x-xiri ta' bollards ghall-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament mat-tender mitfugha u x-xoghol ghandu jipprocedi ga la darba jkun approvat il-bdil tax-xoghol minn fuq il-kampnar l-iehor ghal fuq il-koppla mill-Managing Authority.

6.2 Ix-xogholijiet tas-shelter li jinkludu l-art tieghu qieghed isir mill-kuntrattur u ser ikun lest sabiex jigi inawgurat fid-29 ta' Awissu waqt is-serata ta' Jum l-Gharb.

7.2 Fir-rigward tax-xogholijiet fuq il-ground tal-football gie spjegat li l-Gozo Football Association kien hargu l-offerti ghar-resurfcacing bis-syntethic turf fejn l-irhas prezz kien ta' €22.07 ghal kull sq m. Is-Sindku spjega li il-walking track trid issir inkellha jintilfu l-fondi. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lil GFA fir-rigward ta' l-irhas prezz sottomess li kien dak ta' Dione Mercieca fejn il-Kunsill jinforma li huwa qed jaghzel lil Dione Mercieca sabiex isir ix-xoghol mehtieg inkluz l-installazzjoni u

jaghtihom bejn 2 / 3 gimghat biex isir kollox. Anthony Cauchi staqsa dwar fejn kien ser imur l-ilma fejn gie spjegat li dan kien diga mahsub sabiex jispicca gewwa grajjed tal-ilma u b'hekk ma ssirx hsara lit-turf.

7.3 Carmen Vella talbet sabiex jingabru flixkien ta' l-ilma li kienu intefghu gewwa ghalqa faccata tal-mithna peress li dawn kien intefghu hemm wara l-festa.

7.4 Il-Kunsill iddiskuta l-kiri tal-karozza ghax-xoghol tal-KunsillIl-kunsill qabel li ghandha tintuza il-karozza personali u jkun rifondut il-fuel u b' hekk il-Kunsill ikun qed jiffranka l-flus. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jkollu linja tal-mobile u li din ghandha tintuza mis-Sindku.

7.6 Saret diskussjoni fuq it-tenders tal-Eco Cab u l-Eco Truck. Kienu mitfugha zewg offerti wahda ta' Mizzi Motors ghal truck gdid u ohra mill-partners Richard Scerri u Joseph Tabone ghal zewg vetturi karozza u truck second hand. Kien maqbul b'mod unanimu li ghandha tintaghzel l-offerta' tas-Sur Richard Scerri u s-Sur Joseph Tabone peress li hija l-ahjar offerta u *within* budget ghall-ammont ta' €30,100.00. Il-Kunsill qabel ukoll mall-programm ta' pagamenti kif indikat fl-offerta' cioe' li jghaddi 23,610 mall-konferma, 3,245.00 kif jaslu Malta u 3,245.00 gimgha wara li jkunu l-vetturi ikunu ghaddew ghand il-Kunsill.

7.7 Carmen Vella staqsiet dwar l-Berga u l-importanza li din terga' tibda' topera mill-post taghha. Is-Sindku spjega li l-haddiem tal-Kunsill Giovann Camenzuli kien qieghed jahdem fuqha sabiex jillestiha.

7.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser tibda' tigi possibilment *streamed online* bi prova.

**8.0 Korrispondenza**

8.1 Giet trattata kwotazzjoni minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. ghal cement fil-leisure park. Il-Kunsill qabel li ghandha tintuza din il-kwotazzjoni u jsir ix-xoghol mehtieg.

8.2 Giet diskussa toqbda li hemm fejn tas-Sajf Supermarket liema xoghol irid isir minn Gatt Tarmac Ltd flimkien ukoll ma' patch li hemm fil-fgura u l-patching madwar il-gutters ta' Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb email lill-Perit Edward Scerri sabiex isir site visit flimkien mall-kuntrattur.

8.3 Il-Kunsill iddiskuta ix-xoghol relatat mar-residenza tal-familja Xuereb f'Triq il-Knisja u qabel li ix-xoghol ghandu jaghmlu Emanuel Mintoff. Ghandha issir spezzjoni fuq il-post sabiex jinbeda' x-xoghol qabel l-istagun tax-xitwa.

8.4 Saret diskussjoni dwar it-tindif tal-Pjazza u l-area tal-madwar fejn il-Kunsill qabel li ghandha issir tindifa generali bl-ilma minn fejn il-football club sal-pjazza u fejn jieqaf l-ilma irid jitnaddaf.

8.5 Minghand ic-Centru Parrokkjali l-Gharb fir-rigward ta' kollaborazzjoni ghal Lejla Sajfija. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-kollaborazzjoni mehtiega.

8.6 Gew trattati kwotazzjonijiet ghall-leisure park fejn il-Kunsill qabel li l-irhas offerta hija ta' Eucharist Attard u ghalhekk il-kwotazzjoni ghandha tinghata lilu.

8.7 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp numru PA01826/14, PA2027/14 u PA02044/14.

7.7 Minghand il-Kunsill Malti ghall-isports fir-rigward ta' Move Week 2014.

7.8 Minghand Patrick Zammit Haber fir-rigward ta' prodott gdid ghall-manutenzjoni tat-toroq bl-isem Viafix.

7.9 Minghand Martino Bonello fir-rigward tal-prodott Gumsquad fejn din il-kumpanija taghti servizz sabiex jitnehhew *gums* mit-toroq, postijiet pubblici, ecc.

8.8 Minghand Mailbox fir-rigward ta' servizzi li joffru ta' distrubuzzjoni ta' flyers u materjal pubblicitarju iehor bieb bieb. Il-Kunsill qabel li jitlob lil din il-kumpanija l-prezzijiet tas-servizz.

8.9 Minghand il-Public Policy Institute b'rapport dwar l-10 snin ta' l-accezzjoni ta' Malta fl-Ewropa.

8.10 Minghand Rev. Fr. George Spiteri fejn intalbet ghajnuna finanzjarja ghal tifla zghira li tinsab marida.

8.11 Minghand il-Fakulta' ghat-tishih tas-Socjeta' fir-rigward ta' pubblikazzjoni ta' 8 snin attivita' fuq il-Progett intitolat 'Developing National Environment Monitoring and Infrastracture Capability'.

## 9.0 Materji ohra

8.01 Is-Sindku issugerixxa li ghandha tingabar informazzjoni dwar kemm hawn zghazagh u koppji li qed ifitxxu residenza fil-lokalita' taghna. Ser jitqassam fuljett sabiex ikun maghruf dan.

8.02 Kien issuggerit li l-accounts tal-Kunsill jibdew isiru minn M.Meilak and Associates u dan minhabba li bhalissa qed ikun hemm dewmien sabiex jaslu l-accounts. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.03 Il-Kunsill qabel li ghandhom jitpoggew il-bollards li kien hemm fit-tender tal-MQuip taht it-tender tal-koppla b'mod immedjat hekk kif ikunu disponibbli.

## 9.0 Aggornament

8.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 6 ta' Awissu, 2014.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 6.55pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
~~Deputat~~ Segretarju Ezekuttiv